# Waħda, qaddisa, kattolika u appostolika

*Mhux l-ewwel darba li ħafna drabi fil-gazzetti tagħna u f'mezzi oħra tax-xandir, rajna, qrajna, u smajna kritika qawwija fuq il-Knisja Kattolika f'pajjiżna. Ta' spiss, din il-kritika kienet magħmula minn nies li ma għandhom l-ebda interess fil-komunità ta' dawk li jemmnu fi Kristu, u saret biss bħala attakk imqanqal minn nuqqas ta' ftehim, jew minn nuqqas ta' fehma tajba tad-duttrina Kattolika, jew biss minn xewqa ta' kritika sabiex wieħed juri li qed iżomm maż-żminijiet u huwa għaref jekk ikisser xi istituzzjoni, tkun liema tkun.*

**Anthony J Frendo**

Iżda barra minn din it-tip ta' kritika, hemm kritika oħra li toħroġ mingħand dawk li huma membri ħajja tal-Knisja u li jistqarru li jħobbuha. Mhux biss, iżda ta' spiss, kritika qawwija toħroġ ukoll mill-fomm u/jew mill-pinna ta' xi saċerdoti attivi fi ħdan il-Knisja stess.

Kultant dawn iż-żewġ tipi ta' kritika jħaddnu fihom ħafna ħwejjeġ li huma minnhom; iżda fiż-żewġ każijiet, dawn il-ħwejjeġ spiss jintqalu b'ton aggressiv u li jista' jfixkel ħafna nies. F'din ir-riflessjoni qasira, ma nixtieqx nidħol fil-merti tal-verità tal-kritika magħmula; jien stess qiegħed ngħid li xi drabi il-ħwejjeġ li jintqalu jistgħu jkunu minnhom. Mhux dan il-punt tiegħi; hawn jien nixtieq sempliċiment niftakar u nfakkar f'xi karatteristiċi tal-Knisja li huma ta' natura teoloġika u spiritwali.

L-ewwelnett ta' min jiftakar f'dak li jgħallem San Pawl, jiġifieri li Kristu u l-Knisja huma ħaġa waħda, bħalma raġel u mara jsiru ġisem wieħed fiż-żwieġ (ara Efesin 5: 25-33). Ma tistax tgħaddi għand Kristu mingħajr il-komunità ekklesjali. Kristu ngħatalna mingħandu permezz tal-Knisja; hija hi li wara l-qawmien mill-mewt tiegħu xandritu l-ewwel f'Ġerusalemm, u mbagħad mad-dinja kollha. Ma hemmx mod ieħor. Mill-ġdid, San Pawl jgħidilna: *fides ex auditu*, jiġifieri l-fidi tiġi mis-smigħ, u dan ifisser ix-xandir, li jfisser li hemm min hu mibgħut, li jfisser li xi ħadd bagħat, u dan hu Kristu li bagħat lill-Appostli u l-isqfijiet bħala



s-suċċessuri tagħhom: "Il-fidi mela tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (Rumani 10: 17). Fil-kredu ngħidu li nemmnu fi Knisja appostolika.

Il-kredu li nitolbu ta' kull nhar ta' Ħadd jgħallimna li l-Knisja li nemmnu fiha hija wkoll waħda, qaddisa u kattolika (jiġifieri universali); ilkoll niftakru li ngħidu jew inkantaw dwar il-Knisja li hija: *una, sancta, cattolica et apostolica*. Ta' min jiftakar ukoll li l-Bibbja hija rigal mogħti lilna permezz tal-Knisja. L-ewwel kien hemm il-komunità ta' dawk li emmnu fi Kristu u li xandruh; kien biss wara, li dak li xandru nkiteb u li f'dan il-proċess tħaddnu l-kitbiet tal-Lhud li aħna nsejħu t-Testment il-Qadim. F'dan il-kuntest, wieħed jifhem għaliex l-interpretazzjoni tal-Bibbja trid ukoll tgħaddi minn ħdan il-Knisja f'dak kollu li hu rilevanti għat-tagħlim tal-fidi. Kienet il-Knisja li welldet il-Bibbja, u mhux bil-maqlub.

Issa din il-Knisja, waħda, qaddisa, kattolika, u appostolika, hija komunità ta' nies midinba li għandhom bżonn ta' kuljum li jinħaslu bil-fidwa ta' Kristu. Il-Knisja hija qaddisa fis-sens li l-pedament tagħha, jiġifieri Kristu, huwa qaddis u li l-membri tagħha jieħdu sehem minn din il-qdusija tiegħu. Dan japplika għal kull membru tal-Knisja, sew għal-lajċi sew għall-ġerarkija tal-Knisja. Il-konċilju Vatikan II ifakkarna li l-Knisja '*semper reformanda est*', jiġifieri li l-Knisja għandha bżonn dejjem tiġġedded (ara d-dokument tal-Konċilju Vatikan II, *Lumen Gentium*, 83). Missirijiet il-Knisja kienu jgħidu li hija '*casta meretrix*', jiġifieri prostituta safja. Prostituta għax il-membri tagħha kollha (jiġifieri aħna, lajċi u ġerarkija) minnhom infushom huma midinba, jiġifieri ma jafux kif tassew iħobbu, u għalhekk ilkoll għandhom bżonn il-fidwa ta' Kristu biex jikbru fil-qdusija; u safja għax fiha jgħammar dak li Hu qaddis minnu nnifsu, jiġifieri Kristu stess.

Nagħmlu tajjeb niftakru li San Pietru, l-ewwel Papa, kien ċaħad lil Kristu tliet darbiet, u li l-Appostli kienu ħallewh waħdu fil-passjoni. Tnejn minnhom – Ġakbu u Ġwanni – kienu għatxana għall-poter, u dan kontra kull tagħlim ta' Kristu (Mark 10: 35-45). Għalhekk ma għandniex nistagħġbu jekk xi ħadd (ukoll jekk hu fil-ġerarkija) ifittex il-poter. Dan ma jbiddilx il-fatt li Kristu kien għażel lil dawk appostli tad-demm u l-laħam li kienu midinba, u li fi żmienna xi ħadd jista' xi drabi forsi jagħmel bħall-ewwel Appostli.

Id-dgħufija, iva wkoll id-dnub, ta' l-Appostli u tas-suċċessuri tagħhom, ma jħassrux il-fatt li Kristu jrid jibqa' jgħallem u jmexxina permezz tagħhom. Jiġu f'moħħi l-kliem li Hu kien darba qal: "Fuq il-kattedra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u l-Fariżej.

Mela kull ma jgħidulkom huma għamluh u ħarsuh, iżda għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn." (Mattew 23: 2-3). Hekk hu mela: "Kull ma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh."

Hemm punt ieħor importanti. Jekk huwa minnu li kull tant xi ħadd fil-ġerarkija jista' jagħmel xi ħaġa mħix flokha, huwa minnu wkoll li kull wieħed u waħda minna jagħmel l-istess. Kif kien qal Kristu lill-Fariżej dwar il-mara adultera li ġabulu quddiemu: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla." (Ġwanni 8:7). Darba Karl Rahner, wieħed fost l-akbar teologi tas-seklu 20, kien ra f'dan l-inċident tal-mara adultera rifless ta' dawk li jikkritikaw il-Knisja b'mod aggressiv. Fejn hemm bżonn għandna obbligu nikkritikaw il-Knisja, iżda bl-imħabba, bil-ġentilezza u bil-prudenza, wara li nkunu flejna bir-reqqa ċ-ċirkostanzi kollha. L-unika kritika valida lill-Knisja mill-membri ħajja tagħha hija dik li tixbah il-kritika li iben jew bint jistgħu jagħmlu fil-pubbliku fuq ommhom.

Il-Knisja qed dejjem tikber fil-qdusija; huwa Kristu li hu l-qaddis fih innifsu u minn rajh. Jekk irridu li l-Knisja bħala komunità titjieb, ikun tajjeb kieku kull wieħed u waħda minna jagħmel minn kollox sabiex jikber jew tikber fil-qdusija. Ikun utli ħafna kieku nippruvaw nikbru fil-ħajja tat-talb u naraw jekk f'dak kollu li nagħmlu aħniex fis-sewwa, imqanqlin mill-imħabba Nisranija. Ikun tajjeb kieku niflu sewwa aħniex tassew ngħixu ta' Nsara, qabel ma ngħidu fil-pubbliku li l-Knisja Kattolika ma hix. Ikun tajjeb kieku niġbdu ħabel wieħed sabiex il-kelma ta' Kristu tixtered dejjem iżjed minkejja d-dgħufija tagħna lkoll, jiġifieri l-Knisja.

*(Din ir-rubrika hija mħejjija mill-Grupp ta' talb FERMENTUM)*